MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1164/2004/1

**M.Demajo (Wines & Spirits) Limited (C-2521)**

**vs**

**Roger Portelli u Noel Scerri fil-kwalita' taghhom ta' President u Segretarju tac-Circolo Gozitano f'isem, ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Circolo Gozitano, u fis-27 ta' Gunju, 2005, Dr Grazio Mercieca assuma 1-atti bhala President u Saviour Grech bhala Segretarju tac-Circolo Gozitano**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fi-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuti jihu kkundannati jhallsu s-somma ta' hames mija tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm563.45),**

**rapprezentanti prezz ta' xorb lilhom mibjugh u kkonsenjat mill-istess socjeta' attrici, liema somma l-konvenuti naqsu milli jhallsu, oltre l-imghax fuq l-istess mill-1 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali datati 13 t'Ottubru, 2003, u 26 ta' Frar, 2004 rispettivament, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fil-11 ta' Novembru, 2004 fejn intqal:**

**i. Preliminarjameflt is-socjeta' konvenuta tinvoka 1-privilegium fori stante li hi residenti Ghawdex b din it-talba ghandha tinstema fit-tribunal t'Ghawdex.**

**ii. Preliminarjament ukoll il-preskrizzjoni tat-talba attrici ai termini tal-artikolu 2148 u 2149 tal-Kap.16.**

**iii. Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-sueccepit, id-debitu pretiz m'huwiex dovut stante illi s-socjeta' konvenuta ma ordnat l-ebda xorb mis-socjeta' attrici u kwalunkwe ordni li seta' kien hemm saret minn individwi fil-vesti personali taghhom u ghandhom jirrispondu huma ghal tall talba.**

**Ra d-digriet tat-3 ta' Frar, 2005 fejn giet milqugha l-ewwel eccezzjoni, u 1-atti gew rimessi quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Ghawdex)**

**Semgha x-xhieda ta' Gaetano Cordina. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-attur qed jitlob hias ghall-prezz ta' xorb mibjugh mill-istess socjeta' attrici lill-konvenuti. Giet eccepita l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2148 u 2149 tal-Kap.16, u cioe' dik ta' tmintax-il xahar u ta' sentejn rispettivament.**

**2. It-Tribunal jirrileva li ma giex indikat is-subinciz li ghalih qed issir referenza fir-rigwarda ta 1-artikoli tal-preskrizzjoni citati, u ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistghax tigi milqugha.**

**3. Gaetano Cordina, ghas-socjeta' attrici, spjega li kien hemm sitt konsenji. L-ahhar konsenja inghatat fl-10 ta' April, 2001. Jghid ukoll li ntbaghtet ittra ufficjati fit-13 t'Ottubru, 2003. Intbghatet ittra ufficjali ohra fis-26 ta' Frar, 2004. Dwar dawn iz-zewg kopji jigi rilevat li dwar din ta' l-ahhar biss hemm prova li giet notifikata.**

**4. Skond 1-istess xhud meta kellem liilkonvenut Portelli dan kien qallu li kien hemm problema finanzjarja u li kif jithallsu xi flus dovuti lilhom kienu ser jhallsuhom. Qatt m ssemma li 1-flus kienu dovuti minn terzi.**

**5. Dana kollu ma giex kontradett mill-konvenuti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata a tenur tal-Artikolu 2148 u 2149 tal-Kap. 16, u peress illi jirrizulta li 1-ammont huwa tassew dovut mill-konvenuti, jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita taghhom premessa jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija tlieta u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm563.45), bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittri ufficjahi datati 13 t'Ottubru, 2003, u 26 ta' Frar, 2004 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa, skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------